FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 24 TA’ FRAR 2016

Il-Pulizija

Spettur Josric Mifsud

vs

Josef Buttigieg

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta’ karta tal-identita’ 133680M akkuzat talli nhar il-05 ta’ Mejju 2014, gewwa Triq Wignacourt Birkirkara, ghal habta tas-sitta u kwart ta’ wara nofsinhar;

1. attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb , ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe’ PS 321 Alan La Grasta filwaqt li kien jagixxi ghall esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti;
2. ingurja, hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe’ PS 321 Alan La Grasta waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
3. volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe’ offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PS321 Alan La Grasta u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1);
4. volotarjament kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew mod iehor;
5. kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b’ghajjat u bil-glied, kif ukoll dagha u kliem fahxi;
6. irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li gie misjub hati b’sentenza tal-Qorti ta’ Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;
7. kiser l-provedimenti tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta imposti fuqu permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta;

Il-Qorti hija mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' PS 321 Alan La Grasta jew sabiex jinzamm il-bonordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-Josef Buttigieg b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffisata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-Kawza kontra Josef Buttigieg, a beneficju ta'  PS321 Alan La Grasta u l-familja tieghu, u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat ix-xhieda;

Semghat lill-imputat jammetti  l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu  u tiddikjarah hati.

Rat L-Artikoli 95, 96, 221, 338dd, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Tiddeciedi:   Li tikkundannah ghal sitt xhur habs sospizi ghal sena u multa ta' €4,000.

Il-Qorti spjegat lil imputat r-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona

Magistrat